## STQARRIJA MILL-UFFICCJU TAL-PRESIDENT U L-UFFICCJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

03-07-2020

Meta kien qed izur b'mod ufficjali l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika, il-President George Vella ddeskriva l-governanza tajba u l-kontabilità bhala zewg valuri krucjali li fuqhom tissawwar socjetà b'sahhitha. Huwa sahaq li l-funzjoni li jaqdi l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika f'dan ir-rigward hija imprezzabbli.

Matul din iz-zjara, il-President tenna li huwa ta' pjacir li jinnota li l-Ufficcju tal-Awditur igawdi mir-rispett mhux biss tal-awtoritajiet Maltin izda wkoll tal-poplu Malti u Ghawdxi.

Il-President tenna l-importanza tal-integrità u t-trasparenza fil-hidma tal-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika u tkellem ukoll dwar l-emendi li gew proposti biex tkompli tissahhah din l-istituzzjoni fid-dawl ta' sfidi godda fis-socjetà, fis-sens li l-awditjar jibda jsir ukoll fuq individwi u entitajiet li jircievu fondi pubblici.

Min-naha tieghu, l-Awditur Generali stqarr li l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika huwa impenjat li jibqa' jaghti l-aqwa servizz possibbli biex tissahhah dejjem aktar il-governanza tajba fis-settur pubbliku, fl-aqwa interess tac-cittadini kollha. Huwa temm billi enfasizza l-htiega li r-rapporti li jsiru mill-istess ufficcju jkunu bbazati fuq il-valuri ta' integrità, oggettività u imparzjalità shiha.

Waqt iz-zjara, il-President inghata wkoll spjegazzjoni dettaljata tal-hidma tal-Ufficcju mill-Awditur Generali s-Sur Charles Deguara, id-Deputat Awditur Generali s-Sur Noel Camilleri, u ufficjali gholja ohra.

Il-President temm iz-zjara tieghu fl-NAO billi indirizza lill-membri kollha tal-istaff u wera l-apprezzament tieghu ghall-hidma taghhom.













National Audit Office, Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601, Malta



Copyright 2014, NAO, Malta